IL-BIRGU

Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : **birgu.lc@gov.mt** website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 23 (07) /2016

Data: 18 ta` Ottubru 2016

Hin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Lara Mascena*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skuzati: ***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Vici Sindku*

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 21(07) u Kontinwazzjoni tal-Laqgha 21(07) u Minuti tal-Laqgha Nru 22(07)
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Resume tal-Birgufest 2016 u Birgufest 2017;
5. Party ta` Tfal ghall-Milied 2016
6. Installazzjoni tal-Pittura fis-sala tal-Kunsill
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u ta bidu ghall- Laqgha numru 23(07).

## 2. Punti mqajjma mill-Minuti

2.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li xoghlijiet fil-Berga tal-Ingliterra mxew sew, fejn fadal xi xoghlijiet zghar. Dwar il-lift, il-Kunsill irid jiehu hsieb ibattal il-bir sabiex jitkejjel il-bir sew minhabba l-pit tal-istess lift.

2.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li waqt il-laqghat precedenti, is-Sur Trevor Mizzi li ma kinx prezenti f`din il-laqgha kien isugerriexa li l-bust ta` Dun Guzepp Caruana jsir faccatta ta` Tunanu, fejn ghal dan is-Sindku qal li f`dik il-parti hemm bieb ta` kamra, fejn fil-futur qarib il-Kunsill jista` jaghmel utilizazzjoni taghha billi jitlob ghad-devoluzzjoni ta` din il-kamra. Ghal dan is-Sur Boxall issugerriexa li jsir magenb l-ohrajn, li diga hemm u dan ghal fatt li din il-kamra ser tkun ta` uzu siewi ghal Kunsill. Is-Sur Boxall kompla jghid li din il-materja ghandha tigi ddiskussa fil-laqgha li jmiss meta kulhadd ikun prezenti.

2.3 Is-Sindku, s-Sur Boxall qal li ghandha ssir laqgha ma` tal-hwienet dwar din il-proposta li jithallas ammont ta` flus biex jingabar l-iskart. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sur Boxall qal li ghandna tintbghat email lill-Onorevoli Dr. Helena Dalli sabiex il-Kunsill ikun jaf x`sar u x`ser jigri fuq il-progett tal-Glaziz, li l-istess Kunsill kien iffirma Memorandum of Understanding mar-Regjun Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta` Malta.

2.5 Is-Sur Gellel hareg bl-ideja li ghal waqt l-attivitajiet ta` Jum Dinji ta` Tfal 2016 li ser ssir nhar il-Hadd 20 ta` Novembru, ssir zona fil-pjazza ghat-tfal billi jinkrew xi bouncing castles, fun bus u loghob iehor u dan ghal fatt li fil-lokalita tal-Birgu hemm nuqqas ta` postijiet ta` rikreazzjoni u ghalhekk it-tfal ghalihom tkun xi haga divertenti. Is-Sur Zerafa, kunsillier responsabbli mill-attiviatjiet ser jiehu hsieb li jikseb it-taghrif mas-Sur Castillo sabiex din l-attivita titella` u tkun ta` success.

2.6 Is-Sur Lawrence Attard informa lil dawk prezenti li ghal laqgha tar-Regjun rega` ma ntlahaqx quorum u b`hekk il-laqgha ma saritx. Issa reget giet iffissata data ohra ghal nhar il-Gimgha 21 ta` Ottubru. Dwar dan is-Sindku, is-Sur Boxall qal li l-Kunsilli li mhux qed jattendu qed jibghatu messagg lir-Regjun.

2.7 Giet prezentata kopja tal-appell li sar mill-Kunsill rigward id-decizjoni li ttiehdet mill-Awtorita tal-Ippajnar dwar il-monument ta` La Vallette. Il-Kunsill flimkien mal-Perit Claude Busuttil talbu l-ghajnuna tal-avukat Dr. Ian Stafrace biex imexxi dan l-appell wara li l-Kunsill hallas is-somma ta` mitejn ewro. Is-Sur Boxall qal li hekk kif il-Kunsill ikollhu l-permessi kollha mehtiega f`idejh, ir-Russi ser jibdew bix-xoghol tal-munument.

2.8 Is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera prezenti li ghall-konferenza li ser titella ` gewwa Cisternino bejn is-26 u 30 ta` Ottubru 2016 ser jattendu ghaliha is-Sur Mario Colerio (prezentatur tat-television), is-Sur Salvino Xicluna, Is-Sur George Scicluna (audio u camera person), is-Sur Anthony Degiorgio (kok) u s-Sur Ayrton Elsworth (zaghzugh mill-Birgu) fejn ser jirraprezenta lill-Kunsill billi ser jindirizza lil dawk prezenti.

2.9 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Hamis 20 ta` Ottubru ser issir laqgha ma` dawk li ghandhom li ghandhom l-hamiem fil-lokalita tal-Birgu sabiex jispjegalhom x`se jigri meta ha jsir il-culling tal-hamiem selvagg.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 <u>Kwistjoni dwar hlas ta` leave u bonuses minn ex impjegata tal-Kunsill</u>

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ex impjegata mall-Kunsill Lokali tal-Birgu talbet lill accountants tal-Kunsill dirett minghajr mal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kunsill ma kienu nfurmati sabiex tithallas il-bonuses pro rata u ta` leave u dan sar wara li l-istess impjegata temmet l-impjieg taghha mill-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill tkellem mal-accountants tieghu fejn irrizulta li l-bonuses u leave li kien ghad fadlilha kienet thallet tieghu fl-ahhar paga li hadet. Is-Sindku semma` wkoll li l-flus tal-break li din l-impjegata kienet tiehu u qatt ma hadmet ghalih irid jinghata lura jew jitnaqqas mill-performance bonus.

Is-Sindku talab parir legali dwar dan qabel ma jittiehed dan il-pass minn naha tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3.2 Mibughta Ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali dwar Jum il-Birgu.

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva ittra minghand is-Socjeta Storiko Kulturali dwar l-attivita u cerimonja ta` Jum il-Birgu li ma saritx fejn il-Munumen tal-Vitorja imma fuq iz-zuntier tal-genb tal-Knisja ta` San Lawrenz. Is-Sindku qal li huwa aktar ghaqli li din l-attivita tibqa ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja u dan ghal diversi ragunijiet fosthom ma jkun hemm karrozzi ghaddejjin, inqas storbju mill-hwienet u fatturi ohra li jtellfu c-cerimonja fil-Pjazza.

## 3.3 Tabelli ta` informazzjoni fuq il-lokalita.

Is-Sindku prezenta ittra li l-Kunsill kiteb lis-Sur Kevin Fsadni mill-Awtorita tal-Malta ghat-Turizmu dwar *"information boards"* li l-Kunsill jixtieq jaghmel fil-lokalita tieghu. Bhal ma wera fir-ritratti mehmuz mal-ittra, is-Sur Boxall qal li dawn it-tabell huma nformattivi hafna u li ghandhom ikunu b`lingwi ohra. Dwar dan il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda rispsta minn naha tas-Sur Fsadni u ghalhekk gie deciz li tintalab tintbghat ittra ohra.

## 3.4 Ittra mibughta mill-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta`Malta dwar Pjan Soco Edukattiv

Il-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta` Malta qed jitlob lill-Kunsill jekk hemmx xi facilitajiet fil-lokalita ghaz-zghazagh sabiex jintuzaw biex issir il-porgett Pjan Soco Edukattiv. Dwar din ghada ma nbghatitx risposta minn naha tal-Kunsill minhabba li kien ghadu ma giex iddentifikat ghal dak mitlub.

## 3.5 Ritratti taz-zona abandunata quddiem fejn kien il-forn tal-hobz fi Triq San Lawrenz

Gew prezentati xi ritratti taz-zona li hemm quddiem il-forn fi Triq San Lawrenz fejn fil-prezent jinstab fi stat ta` abandun. Is-Sur Boxall qal li hemm bzonn li din iz-zona tigi zvilupata jew irrangata. Is-Sur Zerafa propona li din iz-zona ghandha tigi zviluppata f`parkegg u ghal dan issekonda s-Sur Gellel. Is-Sur Boxall kompla billi qal li ghandhu jsir alignment tal-post minn perit u jittiehed parrir ta` x`inhu l-ahjar li jsir.

## 3.6 Filming fil-lokalita tal-Birgu.

Is-Sur Boxall qal li fil-jiem li ghaddew fil-lokalita tal-Birgu sar gbid ta` film f`diversi zoni tal-Birgu. Din il-kumpanija ta-films minn jedda tat donazzjoni ta` elfejn u hames mitt ewro lill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

## 3.7 Il-konferenza tal-AVEC f`Malta f`April 2017

Is-Sindku, s-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li waqt laqgha li attenda fl-Ungerija ftit tal-jiem ilhu, kien hemm il-hjiel li huwa ser ikun innominat ghall-President tal-Assoccjazzjoni. Waqt din il-konferenza gie deciz ukoll li laqgha li jmiss ser ssir Malta propju fil-Birgu bejn is-6 u 8 t`April 2017. Is-Sur Boxall kompla billi qal li huwa diga` kellem lill-Vici Sindku biex jghin fil-preparamenti ta` din il-konferenza u hemm anke l-ideja li l-Kunsill Lokali tal-Isla jkun involut, liema Kunsill jaghmel parti wkoll minn din l-Assoccjazzjoni u li kien prezenti ghal ahhar laghqa li saret fl-Ungerija.

### 3.8 Haddiem gdid ta` RSSL assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sur Cameron Cachia huwa impjegat gdid tal-Kunsill Lokali tal-Birgu taht l-skema ta` ***Community Service Scheme***. Is-Sur Cachia beda mal-Kunsill nhar it-Tnejn 17 ta` Ottubru 2016 u ser ikun responsabbli tat-tindif, ghall ftuh u gheluq tal-Foss u zona ta` Couvre Porte. Is-Sur Boxall zied jghid li gie avvicinat mic-Chairperson ta` RSSL fejn gie mgharraf li l-Kunsilll jista` jinghata persuna ohra mill-skema biex jahdem bhala Clerk mal-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill ser jigi nfurmat fil-jiem li gejjin.

### 3.9 Ir-Restawr tal-istatwa ta` San Filippu

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezentili fit-30 ta` Gunju 2015, il-Kunsill kien talab l-ghajnuna tal-Ministru Joe Mizzi sabiex tigi restawrata l-istatwa antika ta` San Filippu li tinsab fi Triq San Filippu kantuniera ma` Triq Patri Indri Vella u fejn sfortuntament ma nghatatx widen ghal din it-talba. Il-Kunsill ftit tal-jiem ilhu rcieva ittra mis-Sur Alfred Micallef , resident il-Birgu fejn talab lill-Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera biex issir dan ir-restawr u ghal din it-talba gie mwiegeb li qed jistennew xi permessi mehtiega biex ikun jista` jinbeda xoghol mehtieg.

### 3.10 Erasmus + New Project Proposal

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess fil-progett bl-isem ***'Words Against Gender at the Time of Internet'*** sabiex ikun wiehed mill-partners tal-progett.

## 3.11 Erasmus + New Project YE NCIS

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess fil-progett bl-isem ***YE NCIS*,** progett ta` youth exchange mal-belt ta` Alonte fl-Italja fejn din l-exchange hija ppjanata li ssir bejn Awwissu u Settembru 2017.

## 3.11 Talba mis-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz sabiex ikollha l-partijiet muzikali tal-Innu tal-Belt Vittoriosa

Saret talba lill-Kunsill mis-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz sabiex ikollha l-partijiet muzikali tal-Innu tal-Belt Vittoriosa fl-okazzjoni tal-450 sena mill-Assedju. Dwar dan gie deciz li nitolbu lil Mro. Emanuel Spagnol biex jibghatilna partituri ta` dan l-innu sabiex nghadduh lis-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz.

## 3.13 Kwotazzjoni mibghuta minn Jackson Pipe Band

Mibughta kwotazzjoni mill-Jackson Pipe Band ghal prezz ta` sitt mija u hamsin ewro sabiex jippartecipaw fiz-zmien tal-Milied, specifikament lejliet il-Milied fejn il-Knisja ta` San Lawrenz u kif ukoll fin-nofs ta` nhar ta` filghodu fil-gurnata tal-Milied billi jdoqqu muzika tradizzjonali maltija bhal ma kien issir fiz-zmien l-imghoddija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 3.14 <u>Hsarat fil-karozzi kawza tal-istat hazin ta` Triq il-Mandragg (Sally Porte)</u>

Giet mibughta ittra lill Onorevoli Joe Mizzi dwar ilmenti li l-Kunsill qed jircievi u l-kritika harxa fuq is-siti socjali dwar l-istat ta` abandun li tinsab fiha Triq Sally Porte maghrufa ahjar bhala "It-Toqba". Il-Kunsill ircieva ilment minghand Sinjur fejn talab li l-Kunsill ihallas ghad-danni li saru fir-rim u rotta tal-karrozza tieghu kawza tal-istat hazin li tinasab fiha din it-triq. Din l-istess kwistjoni intbghatet lis-Supretendent tal-Pulizija hekk kif kien il-Kunsill gie mitlub li jaghmel minn Transport Malta. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda li jhallas dik l-ispiza li giet ikkagunata lil dik il-vettura li dak il-persuna talab ghaliha. Din giet approvata unanimament.

### 3.15 <u>Festival fil-Milied</u>

Is-Sur Boxall qal li mill-progett LADDER, liema progett il-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa msieheb fih ser jibenifika sitt t`elef ewro sbiex itella attivita fil-jiem tal-Festi tal-Milied u l-Ewwel is-Sena. Il-Kunsill ghandhu l-fakulta li jitlob lil xi NGO mill-lokalita sabiex itella din l-attivita. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unaniment li jkellem lis-Sur Noel Castillo sabiex jiehu hsieb ta` dan, fejn filfatt is-Sur Castillo, li huwa il-President tal-Ghaqda fil-lokalita diga kien informa lill-Kunsill bix-xewqa li jsir Festival fil-Milied bis-sehem ta` diversi kumpaniji barranin.

## 4. <u>Resume tal-Birgufest 2016 u Birgufest 2017</u>

Is-Sur Boxall qal li ghal darb`ohra din l-attivita regghet kienet ta` success. Bil-prezenza ta` certu bands li l-Kunsill ghazel biex jippartecipaw ghal waqt din l-attivita, nies gew aktar bi hgarhom. Is-Sur Boxall kompla jghid li rcieva bosta ilmenti dwar ic-citazzjonijiet li nghataw matul il-jiem tal-Birgufest u fejn is-

Sindku qal li jhoss l dawn intbaghtu bi skop. Dwar dan is-Sur Boxall qal li kiteb lis-Sur Raymond Zammit mill-LESA biex ikun jaf is-sitwazzjoni x`inhi. Is-Sur Boxall kompla billi qal li ghandhu jsir protest kontra sistema u l-gwardjan li qal li huwa gie mqabbad mill-Kunsill biex jaghti citazzjonijiet. Il-wardens gew mibughta f`hinijiet u f`toroq li soltu dawn ma jintbaghtux. Is-Sur Attard u kif ukoll is-Sur Gellel qallu li l-ahjar li jsir huwa li tigi ffissata laqgha mas-Sur Zammit qabel ma jsir il-protest. Is-Sur Gellel kompla jghid li l-Kunsill ghandhu kull dritt ikun jaf minnu l-warden u min bghatu. Gie deciz li l-protest ma jintbaghtx qabel ma ssir il-laqgha mal-Ministru Owen Bonnici u s-Sur Zammit. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Barra minn hekk is-Sindku qal li ghalissa l-Kunsill ghad m`ghandhux l-ammont ffinalizzat ta` kemm giet tiswa l-attivita imma bid-donazzjonijiet u bil-permessi li thallsu biex ramaw u bl-iskema tal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo, il-Kunsill ser ikoppri l-ispejjez. Is-Sur Boxall qal li jinsab iddispjacut kif il-press conference li saret ftit jiem qabel l-attivta tal-BirguFest ma dehret fl-ebda mezz tax-xandir bhal ma sar ta` attiviatjiet f`lokalitajiet ohra.

Is-Sur Boxall qal li irridu nibdew minn issa nahsbu f`min ser jiehu sehem ghal waqt l-attivita tal-Birgufest 2017, fejn id-data tal-Birgu by Candlelight diga giet iffissata ghas-Sibt 14 ta` Ottubru 2017. Is-Sur Boxall zied jghid li diga ntabghtet ittra lis-Sur Edward Zammit mill-MTA sabiex il-Hadd filghodu l-ingwardja taghmel il-parata u l-istakkament taghha fil-Birgu u tkun qed taghlaq dawn l-attivitajiet.

Is-Sur Boxall zied jghid li sotto kumitat ghandhu johrog bl-idejat imma jkun il-Kunsill li jiddeciedi u hadd ma ghandu jimponi fuq il-Kunsill.

Is-Sur Boxall ikonkluda billi qal li kieku il-Gvern jaghti lill-Kunsill Lokali tal-Birgu mqar tletin elf ewro biex jaghmel l-attivita ta-Birgufest zgur li l-attivita

tkun wahda ta` livell aktat ghola kif jisthoqilha li tkun. Is-Sindku ssugerriexa wkoll li tintbghat ittra lill-V18 sabiex jkunu ta` ghajnuna finanzjarja ghall Birgufest 2017 hekk kif l-attivitajiet tal- Valletta 18 ikunu qeghdin wara l-bieb.

## 5. Il-Party tal-Milied ta` Tfal 2016

Is-Sur John Boxall qal lil dawk prezenti li din is-sena d-data tal-Party tal-Milied ghat-tfal ser tkun il-Gimgha 16 ta` Dicembru 2016. Ha jsiru zewg parties wiehed ghat-tfal ta` bejn it-3 u 6 snin u iehor ghal tfal ta` bejn is-7 u 10 snin. Kien hemm approvazzjoni unanima minn dawk prezenti. Diga bdew jintalbu l-kwotazzjonijiet ghall-animators u ikel.

## 6. Installazzjoni tal-Pittura fis-sala tal-Kunsill

Is-Sur John Boxall prezenta ittra li l-Kunsill Lokali tal-Birgu li rcieva minghand is-Sur Jose Maria Cano, pittur Spanjol sabiex il-pittura li kien irregala lill-Kunsill f`Jum il-Birgu tas-sena l-ohra titwahhal fis-sala tal-Berga ta` Franza. L-unika spejjez li l-Kunsill ghandhu huma xi dwal li jridu jitwahhlu biex jaghtu ghal fuq il-pittura u dak kollhu relatat sabiex din il-pittura tkun tista` titwahhal fil-post. Is-Sindku kompla billi qal li din il-pittur ghandha tigi nawgurata ghall-Jannar 2017. Kien hemm qbil unananimu minn dawk prezenti.

## Punti ohra mqajjma waqt il-Laqgha

Is-Sur Gellel qal li hemm bzonn issir patching fi Triq San Antnin u kif ukoll fi Triq il-Miratur.

Is-Sur Boxall qal li hemm problema ta` dranagg hierga fil-parkegg tal-Hawli, fejn il-Kunsill diga` ha azzjoni ta ` dan  u fil-jiem li gejjin ghandhu jmur fuq il-post ma` rapprezentant mid-Drainage Unit .

Is-Sur Boxall qal li hemm problema ta` tappieri ta` dranagg ma jinfethux fit-toroq tal-pavimentar fl-area tal-Collachio. Sitwazzjoni inkwetanti ferm ghal dawk ir-residenti li joghqodu f`dawn it-toroq.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3173 – 3213 barra cekkijiet no 3210 u 3212 li nqabbzu bi zvista. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 5 ta` Ottubru, 2016 sa` 18 ta` Ottubru, 2016.

## 8. Aggornament

Il-Laqgha 23 (07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-8.00 pm (fit-tmienja ta' filghaxija).

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Lara Mascena | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum 17 ta` Novembru 2016*